MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 1719/2000/1

**Emanuel Galea**

**v.**

**Pierre Scicluna**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan l-appell (u appell incidentali) huwa dwar il-mod kif il-Prim Awla tal-Qorti Civili illikwidat id-danni dovuti mill-appellat, naxxenti mir-responsabbilta` ta' l-istess appellant

għal ġriehi u debilità permanenti kkawżati lill-appellat f'incident stradali.

**2.** Il-fatti li taw lok għal din il-vertenza huma, in sintesi, dawn:

Waqt li f'xi 7.30 p.m. tal-1 ta' Awissu, 1998 il-konvenut kien qiegħed isuq vettura GAB-551, b'imperizja, negligenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill-attur u lil ibnu minuri fuq tandem bicycle f'Naxxar Rd. Lija u sussegwentement il-konvenut ħarab minn fuq il-post ta' l-incident. L-attur sofra griehi u jallega wkoll li sofra debilità permanenti. L-attur huwa kkwalifikat u jaħdem bħala perit (A. & C. E.) kif ukoll għandu sehem ta' nofs l-ishma f'kumpanija kummercjali li tinnegozja u tiżviluppa l-proprjeta`. Il-konvenut ammetta r-responsabbilta` tiegħu għall-akkadut. Il-kontestazzjoni hija dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

**3.** Sejra hawnhekk tiġi riprodotta s-sentenza appellata fl-intier tagħha peress li minnha joħorġu cari t-talbiet attrici, l-eccezzjoni tal-konvenut u r-raġunijiet għala l-ewwel Qorti waslet biex caħdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u llikwidat id-danni fis-somma ta' Lm14,527.25. Is-sentenza appellata tgħid hekk:

"Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-18 t' Awwissu, 2000 li bih l-attur ippremetta:

"Illi waqt li f' xi 7:30 p.m. tal-1 ta' Awwissu, 1998 il-konvenut kien isur vettur GAB – 551, b' imperizja, negligenza u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill-attur u lil ibnu minuri fuq tandem bicycle f; Naxxar Rd, Lija u sussegwentement il-konvenut ħarab minn fuq il-post ta' l-incident Dok. A huwa ir-Road Accident Report.

"Illi l-attur li hu perit sofra griehi u debilita permanenti kif ser jiġi pruvat;  Dok B huwa rapport mediku;

"Illi l-atur sofra danni li jikkonsistu kemm f' lucrum cessans kif ukoll f'damnum emergens.

“Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli talli f’ xi 7:30 p.m. tal-1 ta’ Awwissu, 1998 il-konvenut kien isur vettur GAB – 551, b’ imperizja, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku tajjar lill-attur u lil ibnu minuri fuq tandem bicycle f; Naxxar Rd, Lija.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur u naxxenti minn dan in-nuqqas tal-konvenut.

3. Tordna u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawk id-danni kif likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti.

“Bl-ispejjez u bl-interessi inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment u dawk prezentati fl-1 t’ Ottubru, 1998 u fit-23 ta’ Marzu, 2000.

“Il-konvenut hu ingunt biex jidher ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa fit-18 t’ Awwissu, 2000 u l-lista tax-xhieda.

“Rat in nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fl-14 ta’ Novembru, 2000 li permezz taghha ecepixxa:

1. Illi huwa qed jammetti r-responsabilita ghall-incident stradali;

2. Illi huwa qed jirrikonoxxi u jammetti bhala danni dovuti l-flus, *lucrum cessans*, li l-attur tilef waqt iz-zmien ta’ konvalescenza rizultat tal-incident stradali mertu tal-proceduri odjerni;

3. Illi ma’ hemmx qbil li l-attur sofra xi disabilita` permanenti rizultat tal-incident stradali fuq imsemmi u ghalhekk in kwantu ghal din il-parti tat-talba tieghu, jekk l-attur qed isostni li sofra xi disabilita` permanenti, ghandha tigi respinta bl-ispejjes;

4. Li l-ewwel u t-tieni eccezzjoni kienu ammissjonijiet ab inizio u ghalhekk ma ghandux jbaghti l-ispejjes tal-kawza odjerna;

“Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa fl-14 ta’ Novembru, 2000 u l-lista tax-xhieda.

“Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport mediku tal-kirurgu Carmel Sciberras.

“Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Novembru 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta’ llum.

“Ikkunsidrat:

“Illi l-kwistjoni li trid tigi deciza f’ din il-kawza hija l-ammont ta’ danni li ghandhom jigu akkordati lill-attur in segwitu ghall- incident stradali imsemmi. Dan ghaliex il-konvenut qed jammetti t-tort tal-incident izda jidher li hemm nuqqas ta’ qbil dwar il-quantum tad-danni pagabbli lill-attur. Effettivament il-konvenut fil-waqt li ammetta r-responsabilita ghall incident anke ikkontesta l-fatt li l-istess attur sofra xi disabilita` permanenti anke jekk fl-eccezzjonijiet iddikjara li lest jaghmel tajjeb ghall *lucrum cessans* ghal perjodu li l-attur ma setax imur ghax xoghol; madankollu billi ikkontesta li l-istess attur sofra disabilita permanenti eccepixxa li ma jhallasx danni ghal disabilita`.

In effetti ir-rapport mediku jindika li l-attur sofra disabilita` permanenti ta’ tlieta fil-mija u kwindi in effetti l-attur hu intitolat kemm ghall dawk id-danni li effettivament sofra u anke ghal nuqqas ta’ qliegh minhabba l-effetti tal-incident. Mit-trattazzjoni li saret quddiem il-Qorti jidher car li l-konvenut qed jikkontesta li d-danni jigu komputati fuq il-qliegh li jkollu l-attur mis-sehem tieghu f’ socjeta kummercjali.

“L-attur hu perit prattikanti u barra l-qliegh illi jaghmel mill-professjoni ikollu ukoll certu qliegh mis-sehem tieghu fis-socjeta` kummercjali Project Management and Construction Limited. Qed jitlob allura li l-komputazzjoni

tad-danni tinkludi l-ammont li jaqla b'rizultat tal-attivita tal-kumpanija imsemmija. Id-difensur tal-konvenut qed jopponi ghal dan u jghid li din ma ghandhiex tkun inkluza.

"Din is-sitwazzjoni mhijiex ta' soluzzjoni facili. Il-Qrati nostrani ghal dawn l-ahhar kwazi erbghin sena segwew il-principji li gew ghall-ewwel darba elenkati fil-kaz celebri ***Butler vs Heard***, b'diversi varjazzjonijiet skond il-kaz. Maz-zmien per ezempju gie introdott il-principju illi jinghataw danni ghall-sfregju anke meta dan ma jaffetwa xejn ghall-inqas f'dak iz-zmien il-qliegh tal-attur.

"Fil-kaz in ezami, in effetti il-Qorti ma thossx li *prima facie* ghandha tiddistingwi bejn qliegh u iehor ghaliex inkella tkun qed tiddiskrimina kontra certi persuni li l-qliegh taghhom ikun gej biss minn attivita` apparentement sedentarja li ma tigi affetwata xejn minn disabilita`. Dawn il-fatturi illum jistghu ikunu iktar komuni meta l-attivita ekonomika permezz tal-informatika qed tizdied u allura jista ikollok iktar kazi ta' impjieg li jirrikjedu ftit li xejn attivita fizika izda hafna attivita intelletwali u li allura ma tigi effettwata kwazi xejn min disabilita`. In effetti anke persuna totalment paralizzata fiziakament tista' timpjega ruhha bi qliegh tajjeb jekk il-mezzi intelletwali taghha jippermettula taghmel uzu mill-mezzi moderni ta' komunikazzjoni.

"Il-kaz odjern pero` fih element iehor u cioe` li din l-attivita` tal-attur mhijiex il-mezz ewlieni tal-ghixien tieghu li hija primarjament il-professjoni tieghu. Din il-Qorti taqbel mat-trattazzjoni tad-difensur tal-konvenut fuq dan il-punt, fis-sens li l-attur ma jistax jistrieh fuq dan il-qliegh ghaliex minn natura taghha l-attivita` spekulattiva fil-qasam tal-kostruzzjoni u bejgh ta' proprjeta` ma hijiex stabbli u oltra dan hu car li l-attur fil-waqt li jahdem b'mod konsistenti u redditizju bhala perit arkitett ghandhu sehem f'din il-kumpanija biex tipprovdilu qliegh separat illi isostnilu l-qliegh primarju tieghu.

"Din il-Qorti lanqas ma taqbel illi meta d-disabilita` tkun zghira bhal dan il-kaz, il-Qorti ghandha tiddecidi *arbitrio boni viri* l-ammont pagabbli bhala danni ghaliex f'kaz bhal

dak odjern dan jippenalizza lill-attur u l-ghan tal-Qorti mhux li tippenalizza izda li taghti lil kull hadd dak li haqqu.

“L-attur meta sehh l-incident kellhu 37 sena u ghalhekk il-Qorti se tadotta 20 sena bhala l-hekk imsejjah *multiplier*. Kif qal hu stess fl-affidavit tieghu il-qliegh tieghu wara li thallsu l-ispejjes kien ta’ cirka sbatax il-elf Lira Maltin (Lm17,000) u thoss li ghandhu jizdied b’ghaxra fil-mija biex tigi kunsidrata l-inflazzjoni u kwindi s-somma tinhadem fuq tmintax il-elf u seba’ mitt Lira Maltin (LM18,700); tlieta fil-mija ta’ dan jammonta ghall-hdax il-elf u mitejn u ghoxrin Lira Maltin (Lm11,220). Minhabba t-trapass ta’ hames snin minn meta gara l-incident din il-Qorti mhijex se tnaqqas l-ghoxrin fil-mija minhabba l-hlas f’daqqa.

“L-attur fl-istess affidavit qal ukoll li kellhu erbgha mija u sebgha Liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (LM407.25c) spejjes in konnessjoni mal-incident u illi dam xahrejn ma jmur ghax-xoghol u kwindi billi l-qliegh tieghu kien ta’ sbatax il-elf Lira Maltin (Lm17,000) tilef cirka elfejn u disgha mitt Lira Maltin (Lm2,900) ohra (mhux Lm4,702 kif sostna hu).

“Ghalhekk b’kollox l-ammont pagabbli hu ta’ erbatax il-elf hames mija u sebgha u ghoxrin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm14,527.25c)

**“Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijet tal-konvenut tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara l-konvenut responsabbli ghall incident tal-1 ta’ Awwissu 1998; tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghall-ammont ta’ Lm14,527.25c u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur; l-ispejjes ghandhom kollha jigu mhallsa mill-konvenut.”**

## L-Appell

**4.** Minn din is-sentenza appella l-konvenut. L-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. li l-qliegh ta' l-attur appellat li jeffetwa l-likwidazzjoni, sia in kwantu ghad-*damnum emergens* u sia in kwantu ghall-*lucrum cessans* huwa fil-fatt inqas minn dak determinat mill-ewwel Qorti;

2. li l-ewwel Qorti kellha tnaqqas mill-ammont ta' danni dovuti lill-attur appellat percentwali ta' 20% bhala *lump sum deduction.*

**L-Appell incidentali**

**5.** Fir-risposta tieghu l-attur l-appellat, apparti li irribatta l-aggravji ta' l-appellant, ipprezenta wkoll appell incidentali. L-aggravji ta' l-appellat jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. li l-ewwel Qorti kellha tiehu bhala percentwali ta' disabilita` dik ta' 5% u mhux ta' 3%.

2. li l-ewwel Qorti kellha tiehu bhala *multiplier* l-ammont ta' 28 sena aspettativa ta' hajja lavorattiva u mhux dak ta' 20 sena.

3. li fil-likwidazzjoni tal-qliegh ta' l-attur appellat, l-ewwel Qorti kellha tiehu in konsiderazzjoni il-qliegh mill-izvilupp kummercjali li jidher fuq l-kumpanija li taghha l-appellat huwa azzjonist.

4. l-appellat, filwaqt li huwa ssottometta li ma kellux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza, talab ukoll li l-appellant jigi kundannat ihallas interessi fuq l-ammont likwidat mid-data ta' l-incident sad-data tal-hlas effettiv, liema interessi fis-sentenza appellata ma ssemmewx.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**L-ewwel aggravju ta' l-appellant u t-tielet aggravju ta' l-appellat**

**6.** L-ewwel aggravju ta' l-appellant u t-tielet aggravju ta' l-appellat ghandhom jigu kkunsidrati flimkien. Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jissottometti illi l-qliegh annwali ta' l-appellat li fuqu ghandhom jiġu kkwantifikati d-

danni dovuti ghandu jkun dak ta' Lm 8,568 li huwa l-qliegh li sar fis-sena 1997, is-sena qabel ma sehh l-incident, la darba l-appellat ghazel li ma jezebix ir-*returns* tat-taxxa dwar id-dhul u qliegh tieghu qabel l-1997. L-appellant jargumenta illi peress li l-appellat huwa *self-employed*, il-qliegh iddikjarat minnu qabel l-incident huwa aktar kredibbli u importanti minn dak li jista' jiddikjara sussegwentement ghall-incident.

**7.** Din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li mill-process ma tirrizulta ebda raguni li ghaliha r-*returns* ezebiti mill-attur dwar il-qliegh tas-snin 1998 sal-2001 ghandhom jitqiesu mhux veritieri. Dan ghaliex, kif sottomess mill-appellat, l-appellant fl-ewwel istanza qatt ma kkontesta l-qliegh maghmul mill-appellat mill-professjoni tieghu ta' perit u ma ngiebet ebda prova kuntrarja jew xi prova ohra li mqar titfa' xi ombra fuq dak li l-appellat (allura attur) jghid li kien l-*income* tieghu.

**8.** Dwar dan l-aggravju, l-appellant jissottometti wkoll illi, minghajr pregudizzju ghas-sottomissjoni li l-figura bazi ghandha tkun dik ta' Lm8,568, fl-aghar ipotezi wiehed ghandu jiehu *average* tal-qliegh ta' l-appellat bejn l-1997 u l-2000 (li hija s-sena li fiha gietipprezentata c-citazzjoni quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili), jigifieri Lm8,568 (1997), Lm16,569 (1998), Lm6,552 (1999) u Lm8,745 (2000), li kif sottomess mill-appellant iwassal ghal figura ta' Lm10,108.50 diversament mis-somma ta' Lm17,000 li hija l-figura bazi li ntuzat mill-ewwel Qorti fil-komputazzjoni tad-danni, u dan peress illi gie ikkunsidrat ukoll il-qliegh li sar mill-appellat fis-sena 2001 jigifieri Lm16,364. Dwar dan il-punt, l-appellat appella wkoll mis-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn issottometta illi l-Qorti ghandha tikkunsidra wkoll il-qliegh li sar minnu fis-sena 2002 skond ir-return ipprezentata minnu fis-26 ta' Gunju, 2003[1] jigifieri ta' Lm 33,238.

**9.** Issa, hija gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna li fil-likwidazzjoni tad-danni akwiljani ghat-telf ta' qliegh "li tbati 'l quddiem [il-persuna li ssofri d-dannu] minhabba

[1] Ara fol. 81 tal-process

inkapacita` ghal dejjem, total jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib"[2], is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 1045 jaghtihom id-diskrezzjoni li jiehdu in konsiderazzjoni *"ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` kkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara"*, biex il-Qorti tasal ghal kwantifikazzjoni li skond il-fehma ta' l-istess Qorti jirrifletti *"dak li hu gust u xieraq fic-cirkostanzi"* [3]. Fir-rigward tal-qliegh li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni, huwa minnu dak li gie sottomess mill-appellant illi *"l-incident ma affetwax il-qliegh ta' l-attur b'mod permanenti"* [4]. Madankollu kif irriteniet din l-Qorti (diversament komposta) *"[i]l- ligi taghna diga` ma taghti l-ebda kumpens ghad-danni morali f'kazijiet bhal dawn u cioe` ma taghti l-ebda kumpens ghall-ugiegh u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti necessarjament jghaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens ghal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' hajja li min ikollu debilita` permanenti necessarjament ikollu jghaddi minnha"*[5]. B'hekk il-Qorti tkun qieghda twettaq ingustizzja fir-rigward ta' l-appellat jekk ma' tatihx kumpens adegwat ghad-dannu li sofra. Kif intqal aktar 'il fuq, f'dan ir-rigward, l-appellat ipprezenta *returns* tad-dhul annwali tieghu mill-professjoni tieghu ta' arkitett ghas-snin 1997 sal-2002. Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont ukoll tal-fatt li l-appellat huwa *self-employed*, u li ghalhekk id-dhul tieghu m'huwiex wiehed fiss izda suggett ghal varjazzjonijiet u jista' kemm jizdied kif ukoll jonqos, kif jidher mir-*returns* prezentati minnu, il-bazi tal-*multiplier* ghandu jkun medja tal-qliegh ta' l-appellat, jigifieri Lm15,000[6], b'zieda ta' ghaxra fil-mija biex jigu kkunsidrata l-inflazzjoni u kwindi l-bażi tal-*multiplier* ghandha tkun dik ta' Lm16,500.

**10.** Fir-rigward ta' dan l-aggravju, l-appellat issottometta fl-appell incidentali tieghu[7] illi meta tikkwantifika l-qliegh

---

[2] Artikolu 1045(1), Kap. 16.
[3] **Francis Meilaq u Rose Mary konjugi Meilaq pro et noe v. Brian Bonnici** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Frar 2003.
[4] Rikors ta' l-appell a fol. 109 tal-process, para.3.
[5] **Joseph Attard v. Carmelo D'Amato** deciza fit-22 ta' Ottubru 2002 mill-Qorti ta' l-Appell.
[6] Jigifieri l-medja tal-qligh tieghu mill-professjoni ghas-snin 1997 sa 2002.
[7] Risposta u appell incidentali a fol. 117-118 tal-proċess.

bhala l-bazi tal-*multiplier*, il-Qorti ghandha tikkunsidra wkoll id-dhul ta' l-appellat mill-attivita` spekulattiva tieghu fil-qasam tal-kostruzzjoni u bejgh u xiri ta' proprjeta`, inkluz dak li jidher fuq kumpanija li minnha l-appellat ghandu sehem ta' 50% kif jidher mill-Memorandum ta' l-istess kumpanija[8]. Fil-fehma tal-Qorti, l-appellant huwa korrett fejn issottometta fir-risposta tieghu ghall-appell incidentali illi *"wiehed irid jikkonsidra wkoll illi l-introjtu tal-attur minn din il-kumpanija huwa wiehed sekondarju u ta' natura ta' dividends li jistghu talvolta jkunu dovuti lilu semplicement ghax huwa azzjonista f'dik is-socjeta`"* u li *"l-qliegh qed taghmlu socjetà kummercjali li kif jaf kulhadd ghandha personalita` guridika indipendenti u barranija mill-azzjonisti taghha u kwindi wkoll mill-attur"*. Dan gej ukoll mill-fatt li l-attur appellat qieghed jitlob li jigi kkunsidrat il-qliegh tieghu bhala azzjonist tal-kumpanija u mhux xi salarju tieghu bhala direttur ta' l-istess kumpanija.

**11.** Huma rari dawk il-kazijiet fejn il-qorti iddecidiet li tmur oltre l-velu ta' din is-separazzjoni bejn il-personalita` tal-kumpanija u dik ta' l-azzjonisti u, kull meta dan ghamlitu, dan sar biex l-azzjonisti ma jaharbux minn responsabilitajiet taghhom billi jistahbew wara l-velu ta' din is-separazzjoni tal-personalita` tal-kumpanija. Id-debilita` permanenti teffetwa lil attur u mhux lill-kumpanija u l-interess tieghu ghad-*dividends* jibqa' bla mittiefes. Jekk il-kumpanija ssofri danni, per ezempju ghax ikollha timpjega lil xi hadd minflok l-attur u ghalhekk ikollha tnaqqis fid-dhul taghha, allura sta ghall-istess kumpanija li tfittex rizarciment ghad-danni sofferti. B'hekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel Qorti kienet korretta meta ma kkunsidratx il-qliegh tal-attur appellat mill-kumpanija li taghha huwa azzjonist u anqas id-dhul minn bejgh ta' proprjeta`, u llimitat ruhha biss ghad-dhul mill-ezercizzju tal-professjoni ta' arkitett u inginier civili.

## It-tieni aggravju ta' l-appellat

**12.** Fit-tieni aggravju tieghu l-appellat Galea ssottometta illi huwa ma jaqbilx mal-*multiplier* ta' 20 sena adottat mill-

[8] Memorandum tal-kumpanija Project Management and Construction Ltd., a fol. 73 tal-proċess.

Ewwel Qorti izda jhoss li dan ghandu jkun ta’ 28 sena. L-appellat kellu 37 sena meta sehh l-incident u b’hekk il-*multiplier* propost mill-appellat iwassal ghall-età ta’ 65 sena. L-opinjoni ta’ l-appellat hija bbazata fuq il-fatt illi skond hu x-xoghol tieghu hu minghajr strapazz fiziku u ghalhekk huwa probabbli illi huwa jibqa’ jahdem sa din l-età. Huwa jirriferi wkoll ghat-tendenza li nies li jahdmu fi professjoni libera jibqghu jahdmu oltre l-età pensjonabbli. L-appellat jissottometti wkoll illi l-*multiplier* m’ghandux jiġi illimitat ghal 20 sena minhabba dawk li jissejhu *“changes and chances of life”* peress illi *“[i]l-Qrati ghażlu li jillimitaw il-hajja lavorattiva mistennija ghal massimu ta’ 20 sena fejn il-midrub ikun zghir hafna – fejn allura hemm aktar chances ghal dawk li huma “changes u/jew chances” of life. Imma f’kaz bhal dak odjern fejn allura l-appellat huwa bniedem li kellu gia 37 sena u huwa b’sahhtu, ic-chances li hu jghix il-hajja shiha lavorattiva tieghu (ta’ 65 jew addirittura aktar) huma kbar”* [9].

**13.** F’dan ir-rigward din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza **Francis Meilaq u Rose Mary konjugi Meilaq pro. et noe. v. Brian Bonnici**, deciza fis-27 ta’ Frar, 2003, irriteniet illi *“… il-kuncett ta’ “the changes and chances of life” ġie introdott biex proprju jiggustifika temperament fil-komputazzjoni tad-danni a bazi tal-prinċipju li hadd ma jaf il-futur u, ghalkemm persuna tista’ tghix sa eta` avvanzata, l-hajja tghallimna mod iehor. Ghalhekk fl-eventwalita` li d-danneggat, ghal xi raguni kompletament indipendenti mid-dizabilita` subita fl-incident, kellu jmut qabel ma jilhaq il-massimu tal-hajja lavorattiva tieghu, tkun saret ingustizzja mal-parti li kkawzat d-danni billi din tkun hallset ghall-perjodu meta effettivament d-disabilita` tad-danneggjat tkun ghal kollox irrilevanti billi dan ikun miet. Isegwi li d-danni li ghandhom jigu akkordati jridu jirriflettu l-bilanc li ghandu jintlahaq bejn d-dritt tad-danneggat u l-obbligu tad-danneggant. Tenut kont ta’ dan isegwi li l-“working life expectancy” ma ghandux jigi, kif qatt ma gie, konsidrat kollu ghall-fini tal-fissazzjoni tal-“multiplier”*. Ghalhekk jidher li l-multiplier ta’ 20 sena uzat mill-Ewwel Qorti huwa gust fic-cirkostanzi

[9] Risposta u appell incidentali a fol. 117 para. 2 tal-process.

prezenti u fl-ambitu ta' projezzjoni fil-futur fuq medda ta' snin.

**L-ewwel aggravju ta' l-appellat**

**14.** Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellat issottometta illi hu ma jaqbilx ma' l-Ewwel Qorti meta din adottat ir-rata ta' debilita` permanenti ta' 3% stabbilita mill-espert mediku mqabbad minnha[10] u kellha minflok taddotta dik stabbilita mill-espert mediku *ex parte*, jigifieri 5% [11]. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju huwa infondat ghaliex ma tirrizulta ebda raguni valida ghaliex il-Qorti ghandha tinjora l-opinjoni tal-espert mediku mqabbad minnha stess, u l-istess appellat bl-ebda mod ma pprova jeskuti lill-espert mediku mqabbad mill-ewwel Qorti jew talab in-nomina ta' periti addizzjonali, sabiex jekk ikun il-kaz jigi varjati l-konkluzjonijiet ta' l-espert mediku imqabbad minnha.

**It-tieni aggravju ta' l-Appellant**

**15.** Fir-rigward tat-tieni aggravju tieghu, l-appellant issottometta illi huwa ma jaqbilx mad-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti li ma tnaqqasx il-percentwali ta' 20% abbazi tal-*lump sum payment* u ssottometta li *"[m]ill-gurisprudenza nostrana jirrizulta ampjament illi l-percentwali ta' tali tnaqqis jista' jigi varjat biss f'kazijiet meta kawza iddum żmien twil ezagerat"*[12]. L-appellant issottometta wkoll illi fil-fatt l-attur appellat kien ipprospetta li jsir it-tnaqqis minhabba l-hlas f'daqqa kif jidher fl-affidavit tieghu a fol. 40 para. 9 tal-process.

**16.** Din il-Qorti (diversament komposta) fis-sentenza **Annunziata sive Nancy Caruana v. Odette Camilleri**, deciza fis-27 ta' Frar, 2004, irriteniet illi ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba hlas f'daqqa d-dekors ta' zmien ghandu jigi kkalkolat minn meta tigi intavolata l-kawza relativa u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv. B'hekk fuq bazi ta' dan ir-ragunament jirrizulta illi f'dan il-kaz ghaddew sitt snin billi c-citazzjoni giet intavolata fit-18

[10] Ara r-rapport mediku ta' Mr. C. Sciberras a fol. 31 sa 33 tal-process.
[11] Ara r-rapport mediku ta' Mr.C. Apap Bologna a fol 8 et seq. tal-process.
[12] Rikors ta' l-appell, a fol. 110 para. 3 tal-process.

ta' Awissu 2000. Fis-sentenza **Carmelo sive Charles Galea v. Albert Mizzi et**, deciza fit-23 ta' April 2001, kien gie ritenut minn din il-Qorti illi f'każijiet fejn il-likwidazzjoni gudizzjarja ddum ma tigi definita ghall-bosta snin, l-pagament m'ghandux jigi kkunsidrat bhala *"lump sum payment"* izda bhala pagament tardiv li ghalih id-danneggjat ma kellux jigi indebitament penalizzat. Fis-sentenza **Lawrence Caruana v. Anthony Falzon**, deciza fil-5 ta' Ottubru, 2001, din il-Qorti ziedet tghid ukoll illi *"t-trepass taz-zmien ma kellux jimmilita favur il-persuna tenuta responsabbli ghall-incident u kontra l-vittma li sofriet id-danni"*. Fuq l-iskorta ta' din il-gurisprudenza, ma ghandux jigi ddisturbat l-ezercizzju ta' diskrezzjoni maghmul mill-ewwel Qorti meta iddecidiet illi ma jsir l-ebda tnaqqis tad-danni likwidati minhabba l-*lump sum payment*.

***Damnum emergens***

**17.** Fir-rigward ta' l-ammont dovut ghad-danni materjali sofferti mill-attur appellat, apparti l-ammont ta' erbgha mija u sebgha liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm407.25) li gew akkordati mill-ewwel Qorti ghall-ispejjes konnessi ma' l-incident, kemm l-appellant u kif ukoll l-appellat qeghdin jitolbu illi jigi rivedut l-ammont akkordat mill-ewwel Qorti ghall-qliegh li l-attur appellat tilef fix-xahrejn li fihom l-appellat ma setax imur ghax-xoghol konsegwenza tal-griehi li garrab fl-incident *de quo.*

**18.** Kif intqal aktar 'l fuq il-qliegħ medju ta' l-appellat ghandu jigi ikkunsidrat li huwa ta' ħmistax-il elf liri Maltin (LM15,000) fis-sena. Konsegwentement f'dawk ix-xahrejn fejn l-appellat ma marx ghax-xoghol, l-appellat ghandu jigi kkunsidrat li tilef tilef Lm 2,500 mhux Lm 4,702 kif qiegħed jissottometti l-appellat[13] jew Lm 1,428 kif qed jissottometti l-appellant[14].

**19.** Fir-rigward tat-talba ta' l-appellat Galea illi ma' l-ammont dovut bhala *damnum emergens* ghandu jiżdied l-ammont ta' Lm7,170 li huwa l-ammont li l-appellat kellu

[13] Rikors ta' l-appell incidentali a fol. 127 para. 3 tal-process.
[14] Rikors ta' l-appell a fol. 110 para. 2 tal-process.

jonfoq biex jibdel il-vettura tieghu ghal wahda awtomatika, ghandu jigi rilevat illi fit-talba tieghu fis-seduta ta’ l-10 ta’ Novembru, 2003[15] biex jipprezenta dokumenti relattivi ghal dan l-infieq, l-attur appellat stess ghamilha cara illi huwa *“mhux qed jitlob l-ammont li hu kellu jonfoq sabiex il-vetturi tieghu jigu mibdula ghall-vetturi li jahdmu b’mod awtomatiku, pero` l-istess dokument jrid ukoll jissostanzja t-talba tiegu kif magmula fl-affidavit diga` pprezentat”*. Konsegwentement dan l-ammont m’ghandux jittiehed in konsiderazzjoni fil-likwidazzjoni tad-danni la darba ma giex mitlub quddiem l-ewwel Qorti allavolja il-vetturi in kwistjoni inxtraw fl-1999 u fl-2000[16] rispettivament, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenut appellat ma kellu l-ebda opportunita` jressaq provi kuntrarji fil-prim’istanza ghal din it-talba ta’ l-attur appellat li qeghda ssir ghall-ewwel darba f’dan l-istadju ta’ l-appell.

**Ir-raba’ aggravju ta’ l-Appellat**

**20.** Permezz ta’ dana l-aggravju l-appellat qieghed jissottometti fl-ewwel lok illi hu m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ din il-kawza[17]. Min-naha tieghu l-appellant issottometta illi kemm l-ispejjez ta’ dan l-appell kif ukoll l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza ghandhom ikunu a karigu ta’ l-appellat. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, u kif ritenut mill-Ewwel Qorti, l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza ghandhom ikunu a karigu ta’ l-appellant Scicluna, filwaqt li fir-rigward ta’ l-ispejjez ta’ dan l-appell il-partijiet ghandhom ihallsu l-ispejjez relattivi taghhom.

**21.** L-appellat issottometta wkoll illi l-appellant ghandu jigi kkundannat ihallas interessi fuq l-ammont likwidat mid-data ta’ l-incident sad-data tal-hlas effettiv[18]. Madankollu, kif sottomess mill-appellant fir-risposta tieghu, il-gurisprudenza tal-Qrati taghna irriteniet kostantement li m’ghandhomx jithallsu imghaxijiet sakemm is-somma mitluba ma tigix likwidata. Per ezempju fis-sentenza **Vivian Charmaine Mizzi v. Carmel Mizzi** deciza fit-30 ta’

[15] A fol. 89 tal-process.
[16] Kontro-ezami ta’ l-attur a fol. 94 para. 13 tal-process.
[17] Rikors ta’ l-appell incidentali a fol. 128 para. 3 tal-process.
[18] Rikors ta’ l-appell incidentali a fol. 128 para. 5 tal-process.

Ġunju, 2004 din il-Qorti qalet illi *"… imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni meta l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata. Konsegwentement kontra debitu incert jew mhux likwidu ma jistghux jiddekorru imghaxijiet."* Ghalhekk dana l-aggravju ma jistax jigi milqugh.

**Il-Likwidazzjoni tad-danni dovuti**

**22.** A bazi ta' dak li nghad hawn aktar 'l fuq, id-danni dovuti lill-attur appellat ghandhom jiġu likwidati hekk:

<u>Lucrum cessans</u>

Qliegh: Lm 15,000
Zieda ghall-inflazzjoni: Lm 1,500
Bazi ghall-*multiplier*: Lm 16,500
Multiplier: 20 sena li minnhom diga` ghaddew 8 snin li ghalihom ma tapplikax iz-zieda ghall-inflazzjoni.
Percentwali ta' dizabilità permanenti: 3%

Lm 15,000 x 8 = Lm120,000
3% x Lm 120,000 = <u>Lm3,600</u>

Lm 16,500 x 12 = Lm198,000
3% x Lm 198,000 = <u>Lm5,940</u>

<u>Total ta' danni dovuti bhala *lucrum cessans* huwa ta' Lm9,540 (Lm3,600 + Lm5,940)</u>

<u>Damnum emergens</u>

Spejjez = Lm407.25
Qliegh ta' xahrejn = Lm2,500

<u>Total ta' danni dovuti bhala damnum emergens huwa ta' Lm2,907.25</u>

Ghalhekk b'kollox l-ammont dovut lill-attur appellat hu ta' tnax-il elf erba' mija u sebgha u erbghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm12,447.25).

**Decide**

**23.** Ghall-motivi premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali kif ukoll minn dak incidentali billi tirriforma s-sentenza appellata tat-23 ta' Jannar 2004 fl-ismijiet premessi fis-sens illi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn jinghad "tillikwida d-danni sofferti mill-attur ghall-ammont ta' Lm14,527.25 u tikkundanna lill-konvenut ihallas din is-somma lill-attur" u minflok tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' tnax-il elf erba' mija u sebgha w erbghin lira u hamsa w ghoxrin centezmu (Lm12,447.25), u tikkundanna lill-konvenut appellant Pierre Scicluna jhallas din is-somma lill-attur, bl-imghax mid-data tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti sal-pagament effettiv; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Kif inghad, l-ispejjez ta' din l-istanza ta' appell ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------